**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 30 ta' April 2002**

**Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**Vs**

**Ivan Galea**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ivan Galea, ta' 28 sena, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Ottubru 1974, bin il-mejjet David u Maria Assunta nee' Vella u residenti gewwa Blokk A, Flat 8, Triq San Nikolai, l-Belt Valletta u detentur ta' karta ta' l-Identita' numru 500774M;

Talli nhar it-3 ta' Awissu 2001 minn gewwa l-fond kummercjali maghruf bhala 'Bertu's Take Away' li jinsab numru 144, Triq il-Merkanti l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' flus, liema serq jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda ma' jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) a detriment ta' Albert Cutajar, liema serq u kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, dan ai terminu tal-artikoli 261, 263, 264, 267, 270 u 330 (a), (b) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul dawn l-ahhar xhur gewwa l-gzejjer Maltin u fil-belt kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u drogi ohra, specifikata fl-ewwel skeda ta''l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta''Malta meta ma kienetx fil-pussess ta''awtorizazzjoni ghall-

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma' kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma' kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.

Wara illi rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270 u 330 (a), (b) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Ivan Galea hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum a tenur tal-Artikolu 5 that il-Probation Officer Carmen Nygaard li kull tlett xhur ghandha tinforma lill-Qorti bl-andament tal-imputat.  Din il-Qorti qeghda wkoll tapplika l-Artikolu 11 u fiz-zmien tlett (3) xhur, l-imputat ghandu jhallas lura lid-derubat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.